**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 234/2025**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Christopher Ryan**

**Illum 19 ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Christopher Ryan**, ta' tletin (30) sena, iben Mark Julian Ryan u Sandra neè Grech, imwieled fit-12 ta' Ġunju 1994 ġewwa l-Pietà, preżentement detenut ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 297494(M), talli f'xi ħin bejn is-sagħtejn (2:00a.m.) u l-ħamsa (05:00a.m.) ta' filgħodu tal-11 ta' Marzu 2025, ġewwa Triq Lvant, Valletta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Volontarjament ta n-nar lil vettura ta' l-għamla Ford bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBR-739, meta ma kien hemm ebda persuna hemm ġewwa, u din il-vettura kienet qiegħda b'mod li setgħet tqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt kien hemm persuna hemm ġew u dan sar għad-detriment ta' Pierre Galea u/jew Iniala Hotel u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità oħra;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa u cioè vettura ta' l-għamla Toyota Aygo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CED-269 u/jew bini ieħor u/jew proprjetà oħra u dan sar għad-detriment ta' Jacob Falzon u/jew Iniala Hotel u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rema', tefa', ħalla jew xort' oħra qattar jew iddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess mingħajr ma kien awtorizzat b'liġi;

4. U akter talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) f'każ ta' ħtija tqis lil Christopher Ryan bħala li hu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula; (2) tipprovdi għas-sigurtà ta' Pierre Galea billi jekk jidhrilha li huwa hekk xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kondizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra Christopher Ryan id-disposizzjoni ta' l-Artikoli 15A u 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi; (4) f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra Christopher Ryan id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 532B u/jew ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-Liġi; (5) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2025 markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 10 sa' 18 tal-proċess;

Rat illi l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Pierre Galea;

Semgħet ix-xhieda ta' Pierre Galea[2], ta' PS1387 Owen Mifsud[3] u ta' l-Ispettur Shawn Pawney[4] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2025 u rat id-dokumenti esebiti minn Pierre Galea markati Dok. "PG1" u Dok. "PG2" a fol. 34 sa' 40 tal-proċess, id-dokument esebit minn PS1387 Owen Mifsud markat Dok. "OM" a fol. 41 sa' 45 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Shawn Pawney markati Dok. "SP1" u Dok. "SP2" a fol. 46 sa' 48 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tad-Deputat Reġistratur Stefania Scicluna[5], ta' Dr. Alexandra Mamo[6] u ta' Rusell Zammit[7] mogħtija waqt is-

[1] Fol. 19 tal-proċess.

[2] Fol. 33A sa' 33D tal-proċess.

[3] Fol. 40A u 40B tal-proċess.

[4] Fol. 45A sa' 45D tal-proċess.

[5] Fol. 54 tal-proċess.

[6] Fol. 56 tal-proċess.

[7] Fol. 73 sa' 77 tal-proċess.

seduta tat-22 ta' April 2025 u rat l-Procès-Verbal Esebit mid-Deputat Reġistratur Stefania Scicluna markat Dok. "SS" a fol. 55 tal-proċess, it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdjo-viżiva ta' l-imputat imħejjija minn Dr. Alexandra Mamo markata Dok. "AM" a fol. 57 sa' 72 tal-proċess u d-dokument esebit minn Rusell Zammit markat Dok. "RZ" a fol. 78 sa' 116 tal-proċess;

Rat li b'Digriet mogħti llum 19 ta' Mejju 2025, ġie revokat l-inkarigu mogħti lill-Perit Richard Aquilina b'Digriet mogħti fit-18 ta' Marzu 2025[8], u dana in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju meta l-imsemmi Espert għadu ma bediex iwettaq l-inkarigu tiegħu;

Rat li waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2025, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' lura minnha;

Semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Mejju 2025[9];

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'xi ħin bejn is-sagħtejn (2:00a.m.) u l-ħamsa (05:00a.m.) ta' filgħodu tal-11 ta' Marzu 2025, ġewwa Triq Lvant, Valletta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin: (1) Volontarjament ta n-nar lil vettura ta' l-għamla Ford bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBR-739, meta ma kien hemm ebda persuna hemm ġewwa, u din il-vettura kienet qiegħda b'mod li setgħet tqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt kien hemm persuna hemm ġew u dan sar għad-detriment ta' Pierre Galea u/jew Iniala Hotel u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità oħra; (2) U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa u cioè vettura ta' l-għamla Toyota Aygo bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CED-269 u/jew bini ieħor u/jew proprjetà oħra u dan sar għad-detriment ta' Jacob Falzon u/jew Iniala Hotel u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra; (3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi rema', tefa', ħalla jew xort' oħra qattar jew iddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku għandu aċċess mingħajr ma kien awtorizzat b'liġi; (4) U akter talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (5) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor.

[8] Fol. 31 tal-proċess.

[9] Fol. 119 sa' 132 tal-proċess.

In oltre l-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti, f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat bħala li hu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Inizjalment l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2025, huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih. Fid-dawl ta' tali ammissjoni u anke fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-provi prodotti sa' l-istadju ta' l-ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jiddikjara li huwa ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll iċ-ċirkostanzi li wasslu lill-imputat biex iwettaq ir-reati ammessi minnu, il-fatt li l-imputat ikkoopera sfieq mal-Pulizija u l-fatt ukoll li rreġistra ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 49, 50, 317(a)(ii), 328(d), 338(m) u 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 10(1) u l-Iskeda 1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess u anke a bażi tal-provi prodotti sa' l-istadju ta' l-ammissjoni, ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' tlett (3) snin priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tastjeni milli tagħmel ordni ai termini tar-Regolament 14 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40.

Ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat iħallas is-segwenti ammonti lill-vittmi hawn indikati:

- Is-somma ta' €5,000 lil Pierre Galea rappreżentanti s-sehem ta' l-imputat mid-danni kawżati lill-imsemmi Pierre Galea b'konsegwenza tal-ħruq tal-vettura ta' l-għamla Ford bin-Numru ta' Reġistrazzjoni HBR-739; u
- Is-somma ta' €719.80 lil Iniala Hotel rappreżentanti s-sehem tiegħu ta' l-ispejjeż inkorsi minn Iniala Hotel u koperti b'fatturi (u mhux b'sempliċi *quotation*), b'konsegwenza tan-nar mertu ta' dawn il-proċeduri.

Dan l-ordni fil-konfront ta' l-imputat versu Pierre Galea u versu Iniala Hotel jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-imputat - meta hekk mitlub jagħmel bil-miktub mir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali - għandu jħallas sa' massimu ta' €1,000 mill-ispejjeż inkorsi għan-nomina ta' Esperti fl-Inkjesta relattiva għal dawn il-proċeduri esebita bħala Dok. "SS" a fol. 55 tal-proċess.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni bbażati fuq l-Artikoli 532A u 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' Pierre Galea u ma' kwalunkwe rappreżentant ta' Iniala Hotel fil-vesti tiegħu bħala tali, qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu nnfisu taħt penali ta' mitjen Euro (€200) għall-perijodu ta' sena (1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' mitejn Euro (€200) li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll ta' l-Obbligazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**